MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 148/2010

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A D, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta’ Settembru 2000, u minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal.

Illi l-partijiet kontendenti, jew min minnhom, taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt

ghall-att taz-zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-kunsens tal-partijiet kontendenti, jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u/jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D li eccepiet:

Illi l-esponenti taqbel illi hemm lok li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-30 ta' Settembru 2006 jigi dikjarat null.

Illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghal ragunijiet imputabbli lill-istess partijiet u dan minhabba illi l-partijiet jew il-kunsens taghhom ghaz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u minhabba li l-partijiet ma kellhomx, fi zmien li sar iz-zwieg, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fis-sena 2000, meta r-rikorrenti kellu tletin sena u l-intimata hamsa u ghoxrin, u dan wara gherusija ta' tmien snin. Tfal minn dan iz-zwieg ma twieldux. Bejn il-partijiet beda jinqala' d-dizgwid fuq il-possibilita' li jemigraw lejn l-Awstralja u dwar meta ghandhom jahsbu biex ikollhom it-tfal.

Dwar dawn iz-zewg hwejjeg daqshekk importanti baqa' ma ntlahaq qatt ftehim u z-zwieg sfaxxa. Ir-ragel, rikorrenti f'din il-kawza, qed jitlob lill-Qorti tiddikjara n-nullita' taz-zwieg ghal zewg ragunijiet, l-eskluzjoni taz-zwieg innifsu, a tenur tal-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255 u d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju a tenur tal-Art. 19 (1) (d).

In sostenn ta' dan huwa jressaq bhala prova l-affidavit tieghu. Martu min-naha taghha xehedet hija stess bil-procedura tal-affidavit. Ipprezentat ukoll affidavit ta' uhud minn qrabha.

F'materja ta' eskluzjoni, dawn il-Qrati dejjem irritenew illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*", ("**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan*

*is-sens* ***Muscat vs Borg Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere"*", ("**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009).

Ix-xhieda prodotta f'din il-kawza ma tipprova xejn minn dan.

Ghar-rigward tad-difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju invokat l-insenjament ta' dawn il-Qrati konsistentement huwa kif konfermat fis-sentenza.

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within*", ("**Janet Portelli vs Victor Portelli**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Awissu, 1995).

Dan l-insenjament, in relazzjoni mal-provi prodotti f'din il-kawza, igib fix-xejn l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti. Kif dejjem irritenew dawn il-Qrati, zball fl-ghazla tas-sieheb ma jirrendux iz-zwieg null.

"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali

li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**Isabelle Zarb vs Stephen Attard**, gja' citata). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati", ("**Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Settembru 1997).

U dan lanqas meta t-tnejn issa qeghdin f'relazzjonijiet ma' terzi.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti A B.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------